MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru. 1513/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**DARREN GILFORD ta' 22 sena, iben Philip u Michelina nee' Zammit, imwieled tal-Pieta' nhar it-13 ta' Frar, 1986, residenti fil-fond numru 38, Charston, Flat 4, Triq is-Sur, Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 109686M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **DARREN GILFORD** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' Lulju, 2007 jew f'xi perjodu qabel, iffalsifika biljetti tal-flus Maltin jew mexxa biljetti tal-flus Maltin iffalsifikati, meta kien jaf il kienu ffalsifikati.

Rat li fl-istadju ta’ l-interrogatorju wiegeb li kien hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahseb fuq l-istess ammissjoni.

Rat li l-imputat fl-istqarrija tieghu ammetta ghemilu skond l-akkuza diga’ migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll l-atti ezebiti u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi in vista’ ta’ l-ammissjoni registrata din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront ta’ Darren Gilford ai termini ta’ l-Artikoli 34 u 35 tal-Kapitolu 371 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant qieghda ssib lill-imsemmi **DARREN GILFORD** hati ta’ l-akkuzi hekk kif migjuba kontrieh, u tikundannah ghal sena(1) prigunerija sospiza ghal sentejn(2), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Din il-Qorti qieghda wkoll tordna li l-flus ezebiti f’dawn il-proceduri jghaddu ghand rapprezentant tal-Bank Centrali ta’ Malta ghad-distruzzjoni

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------